30 ta' Novembru 2019

L-Onor Dr Angelo Farrugia.
Speaker,
Kamra tar-Rappreżentanti,
Il-Belt Valletta.

Onorevoli,

Permezz ta' din l-ittra, bħala deputat fil-Parlament ta' Malta, irrid inġieb a konjizzjoni tiegħek varji rapporti li deheru fil-mezzi tal-istampa b'rabta ma' dettalji li ngħataw f'laqgħa tal-kabinett li tlaqqa l-Ħamis, 28 ta' Novembru 2019, liema rapporti, kuntrarjament għar-rapporti oħrajn ippublikati in konnessjoni mal-istess laqgħa, ma kienux miċħuda.

Ir-rapporti jagħmlu referenza għal attentat ta' "frame-up" fil-konfront tiegħi in konnessjoni mad-delitt tas-Sinjura Caruana Galizia.

Lilhin mill-konsiderazzjonijiet legali b'rabta ma' dan ir-reat ta' kalunja, ċertament t'apprezza li tali reat huwa wkoll attentat fuq il-funzjoni kostituzzjonali tiegħi, li jien ħlift sollenament li ngħaqdi b'lealta' lejn il-Poplu u r-Repubblika ta' Malta u l-Kostituzzjoni tagħha.

Jien nemmen li kull attentat li jippreġudika u jattakka l-funzjoni kostituzzjonali ta' Membru Parlamentari fil-qadi ta' dmirijietu jirrikjedu azzjoni qawwija u effettiva, inkluż mill-Parlament innifsu, l-għola istituzzjoni tal-pajjiż.

Huwa f'dan is-sens li qiegħed niktiblek u qiegħed nadixxi l-Kamra tar-Rappreżentanti, biex nissalvagwardja l-funzjoni kostituzzjonali tiegħi u jittieħdu dawk il-passi kollha opportuni fiċ-ċirkostanzi.

Inselli għalik,

**Onor. Dr. Christian Cardona**

*Kopja: mezzi tax-xandir u l-istampa.*